

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0398/2007

17.10.2007

*****II**

RAKKOMANDEZZJONI GĦAT- TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa
(16477/1/2006 – C6-0260/2007 – 2005/0183(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Holger Kraemer

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW
Bookmark not defined.

PROĊEDURA.....Error! Bookmark not defined.

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa
(16477/1/2006 – C6-0260/2007 – 2005/0183(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16477/1/2006 – C6-0260/2007),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari¹ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0447)²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0398/2007),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Pożizzjoni komuni tal-Kunsill

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 5 a (ġdida)

(5a) Fejn ikun possibbli, għandu jiġi applikat immudellar tad-diffużjoni tat-tniġġis sabiex dejta minn punt speċifiku tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika ta' konċentrazzjoni. Dan jista' jservi bħala bażi biex titkejjel l-espożizzjoni kollettiva tal-popolazzjoni li tgħix fl-inħawi.

¹ ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 102.

² ĠU C ... / Għada mhix ippubblikata fil-ĠU.

Ġustifikazzjoni

Integrazzjoni mill-ġdid ta' Emenda 2 mill-ewwel qari

Emenda 2
Premessa 15

(15) *Il-valuri tal-limitu eżistenti tal-kwalità ta' l-arja m'għandhomx jinbidlu. Madankollu, għad-dijossidu tan-nitroġenu, għall-benzina u għall-materja partikulata PM10, għandu jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità jew li tingħata eżenzjoni temporanja mill-obbligu li jiġu applikati ċerti valuri tal-limitu f'każijiet fejn, minkejja l-implimentazzjoni ta' miżuri adegwati għattnaqqs tat-tniġġis, jeżistu problemi akuti ta' konformità f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi. Kwalunkwe posponiment **jew eżenzjoni temporanja** għal żona jew agglomerazzjoni partikolari għandha tkun akkompanjata minn pjan komprensiv **li għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni** sabiex tkun żgurata l-konformità sa l-iskadenza riveduta.*

(15) *Għal żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-kondizzjonijiet huma partikolarment diffiċli, għandu jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità mal-valuri ta' limitu **tal-kwalità ta' l-arja** u mal-valuri ta' mira f'każijiet fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi kbar ta' konformità f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi. Kwalunkwe posponiment għal żona jew agglomerazzjoni partikolari għandha tkun akkompanjata minn pjan komprensiv sabiex tkun żgurata l-konformità sa l-iskadenza riveduta **u minn rapport li juri li s'issa saru l-isforzi kollha biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva. Il-flessibilità għall-Istati Membri hija saħansitra aktar importanti jekk il-miżuri Komunitarji neċessarji li jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni magħżul fl-Istrateġija Tematika dwar tniġġis fl-arja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-sors tagħhom, inklużi mill-anqas dawk il-miżuri msemmija fl-Anness XVIa, ikunu għandhom ma daħlux fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, peress li wħud mill-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jlaħħqu mal-valuri ta' limitu mingħajr dawn il-miżuri, minkejja sforzi kbar fuq livell nazzjonali.***

Emenda 3
Artikolu 7, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji għall-għażla tal-postijiet mnejn jittieħdu l-kampjuni.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 22 mill-ewwel qari. Arja nadifa hi wkoll fattur biex jintlaħqu l-objettivi ta' Liżbona (b'mod partikolari fir-rigward ta' postijiet ta' negozju, turiżmu u traffiku llimitat li jasal minn toroq sekondarji). Sistema uniformi tal-postijiet mnejn se jittieħdu l-kampjuni trid tiġi żgurat. Il-prattiki ta' kejl li attwalment isiru fl-Istati Membri individwali huma wisq differenti u jagħmluha impossibbli biex ir-riżultati jkunu jistgħu jitqabblu.

Emenda 4

Artikolu 13, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit, PM10, iċ-ċomb u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ta' l-ambjent ma' jaqbżux il-valuri tal-limitu stabbiliti fl-Anness XI.

1. L-Istati Membri, **wara li kkunsidraw it-Taqsima A ta' l-Anness III**, għandhom jiżguraw, li fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet kollha tagħhom, il-livelli tad-dijossidu tal-kubrit PM10, iċ-ċomb, u l-monossidu tal-karbonju fl-arja ma' jaqbżux il-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Anness XI.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 24 mill-ewwel qari. Min-naħa huwa meħtieġ fit-test attwali (Artikolu 13) li l-valuri tal-limitu (għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem) iridu jintlaħqu mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom (dan ifisser kullimkien); min-naħa l-oħra Anness III jirrikjedi li l-postijiet imnejn se jittieħdu l-kampjuni diretti lejn il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandhom ikunu fejn il-popolazzjoni tista' tkun esposta l-aktar għal perjodu li hu sinifikanti fir-rigward tal-perjodu ta' medja tal-valuri tal-limitu jew meta tkun ġeneralment esposta. Bħala konsegwenza, l-inħawi fejn il-valuri ta' limitu japplikaw (Artikolu 13) u fejn il-konformità tiġi vverifikata u murija bil-kejl (Anness III) mhumiex identiċi; ir-reġim ta' evalwazzjoni (ta' l-anqas ibbażat fuq il-monitoraġġ) ma' jaqbilx ma' l-inħawi fejn japplikaw il-valuri ta' limitu. Din il-kontradizzjoni tqiegħed lill-Istati Membri, lill-pubbliku u lill-Kummissjoni f'pożizzjoni diffiċli ħafna u probabbli tagħti lok għal kawżi fil-qorti li ma jispicċjaw qatt.

Emenda 5

Artikolu 15, paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa **li ma jinvolvux** spejjeż sproporzjonati għat-tnaqqis ta' l-Espożizzjoni għal PM25 bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira nazzjonali għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni kif stipulat fit-Taqsima B ta' l-Anness XIV sas-sena speċifikata fiha.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa **li jinvolvu titjib ċar fil-kuntest tas-saħħa tal-bniedem u ma jinvolvux** spejjeż sproporzjonati għat-tnaqqis ta' l-Espożizzjoni għall-PM2,5 bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira nazzjonali għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni kif stipulat fit-Taqsima B ta' l-Anness XIV sas-sena

speċifikata fiha.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiċċara l-iskop tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill introduċa lingwaġġ ġdid għal dan il-paragrafu li jiġġustifika l-kjarifika mogħtija f'din l-emenda.

Emenda 6 Artikolu 16, paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li ma jinvolvux spejjeż sproporzjonati sabiex jiżguraw li konċentrazzjonijiet tal-PM2.5 fl-arja ta' l-ambjent ma jaqbżux il-valur immirat stipulat fit-Taqsima Ċ ta' l-Anness XIV b'effett mid-data speċifikata fiha.

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa **li jinvolvju titjib ċar fil-kuntest tas-saħħa tal-bniedem u ma jinvolvux** spejjeż sproporzjonati sabiex jiżguraw li l-konċentrazzjonijiet tal-PM2,5 fl-arja ta' l-ambjent ma jaqbżux il-valur immirat kif stipulat fit-Taqsima C ta' l-Anness XIV b'effett mid-data speċifikata fiha.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiċċara l-iskop tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill introduċa lingwaġġ ġdid għal dan il-paragrafu li jiġġustifika l-kjarifika mogħtija f'din l-emenda.

Emenda 7 Artikolu 20, paragrafu 3

**3. Il-Kummissjoni għandha, sa ... *,
tippubblika linji gwida għad-dimostrazzjoni
u t-tnaqqis ta' qabżiet attribwibbli lil sorsi
naturali.**

imħassra

*** ĠU: Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva.**

Ġustifikazzjoni

Il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni wasslu għal burokrazija żejda u se jkunu ta' xkiel għall-flessibilità li l-Istati Membri se jiġu bżonn waqt it-transpożizzjoni tad-Direttiva.

Dan huwa paragrafu ġdid imdaħħal mill-Kunsill u li ma jeżistix fil-proposta tal-Kummissjoni

Emenda 8 Artikolu 21, paragrafu 1

1. L-Istati Membri jistgħu jindikaw żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom il-valuri tal-limitu għall-PM10 ikunu nqabżu fl-arja ta' l-ambjent minħabba r-risospensjoni ta' partikuli wara t-tqegħid tar-ramel jew tal-melħ fit-toroq fix-xitwa.

1. L-Istati Membri jistgħu jindikaw żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom il-valuri tal-limitu għall-PM10 ikunu nqabżu fl-arja minħabba s-sospensjoni mill-ġdid ta' partikulati wara t-tqegħid tar-ramel jew tal-melħ fit-toroq matul ix-xitwa, jew ***fit-tindif tat-toroq, dejjem jekk il-livelli PM2,5 ma jiġux affettwati.***

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 25 mill-ewwel qari. Ir-riskji effettivi huma marbuta mal-partiċelli tal-PM 2.5. Fl-intervall bejn il-PM2.5 u l-PM10 il-partiċelli jiddepożitaw ruħhom l-aktar fuq il-passaġġi ta' l-arja ta' fuq li huma kkaratterizzati minn mekkaniżmi ta' tneħħija mgħaġġla u għalhekk ma jħallux effetti fit-tul.

Emenda 9

Artikolu 22, paragrafu 2 u 2a (ġdid)

2. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri tal-limitu fir-rigward tal-PM10, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tinkiseb minħabba l-karatteristiċi tat-tixrid speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet tal-klima ħżiena jew il-kontributi transkonfinali, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li japplikaw dawk il-valuri tal-limitu sa ...*, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu osservati.

2. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-konformità mal-valuri tal-limitu fir-rigward tal-PM10, kif speċifikat fl-Anness XI, ma tistax tinkiseb minħabba l-karatteristiċi ta' tixrid speċifiċi għas-sit, kondizzjonijiet ħżiena tal-klima jew il-kontributi transkonfinali, l-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li japplikaw dawn il-valuri tal-limitu sa ...*, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu osservati ***u li l-Istat Membru juri li ttieħdu l-miżuri kollha adattati fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi rrispettata l-iskadenza.***

2a. L-Istati Membri jistgħu jipposponu l-iskadenzi għall-valuri ta' limitu għall-PM10 u PM2.5 b'perjodu addizzjonali ta' sentejn għal żona jew agglomerazzjoni partikolari, meta l-pjan tal-kwalità ta' l-arja taħt il-paragrafu 1 juri li l-valuri tal-limitu ma jistgħux jintlaħqu, jekk l-Istat Membru juri li kull miżura xierqa tkun ittieħdet fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jintlaħqu l-iskadenzi hawn fuq imsemmija, inkluża l-implimentazzjoni tad-Direttivi u r-Regolamenti msemmija fit-taqsima B ta' l-Anness XV sa l-iskadenzi stipulati f'dawn l-atti legali.

Emenda 10
Artikolu 22, paragrafu 4, subparagrafu 1

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi **1 jew 2** japplikaw, u għandhom jikkomunikaw il-pjan dwar il-kwalità ta' l-arja msemmi fil-paragrafu 1 inkluż kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun valutat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' effetti stmati ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll effetti stmati ta' miżuri Komunitarji.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta, fil-fehma tagħhom, il-paragrafi **1 2 jew 2a** japplikaw, u għandhom jikkomunikaw il-pjan dwar il-kwalità ta' l-arja msemmi fil-paragrafu 1 inkluża kull informazzjoni rilevanti meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex ikun ivvalutat jekk il-kondizzjonijiet rilevanti humiex sodisfatti. Fl-evaluwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-effetti stmati ta' miżuri li ttieħdu mill-Istati Membri kif ukoll l-effetti stmati ta' miżuri Komunitarji **li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni skond l-Anness XVIa. Fl-evaluwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt tal-miżuri Komunitarji skond l-Anness XVIa dwar il-kwalità ta' l-arja fl-Istat Membru kkonċernat kemm fil-preżent kif ukoll fil-ġejjieni.**

Emenda 11
Artikolu 22, paragrafu 4, subparagrafu 2

Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien **disa' xhur** minn meta tiġi riċevuta dik in-notifika, għandhom jitqiesu sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1 jew 2.

Fejn il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni fi żmien **sitt xhur** minn meta tiġi riċevuta din-notifika, il-kondizzjonijiet rilevanti għall-applikazzjoni tal-paragrafu **1 2 jew 2a** għandhom jitqiesu li **ġew sodisfatti.**

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 81 mill-ewwel qari.

Emenda 12
Artikolu 23, paragrafu 1, subparagrafu 2

Fil-każ ta' qabżiet ta' **dawk** il-valuri tal-limitu li għalihom id-data ta' skadenza sabiex jintlaħqu diġà tkun skadjet il-pjan ta'

Fil-każ ta' qabżiet ta' **dawn** il-valuri tal-limitu li għalihom id-data ta' skadenza sabiex jintlaħqu diġà tkun skadjet, il-pjan ta'

kwalità ta' l-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, sabiex il-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli.

kwalità ta' l-arja għandu jistabbilixxi miżuri adegwati, **u jista' addizzjonalment jinkludi miżuri li speċifikament iħarsu s-saħħa tat-tfal**, sabiex il-perijodu tal-qabża jkun jista' jinżamm l-iqsar possibbli.

Ġustifikazzjoni

Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li juru b'mod ċar l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. Studji ġodda li saru fl-Olanda, Franza u Kalifornja (Brauer et al 2007, Annesi-Maesano et al 2007, Islam et al 2007). L-aktar importanti hija l-evidenza l-ġdida dwar it-tnaqqis ta' tħaddim sew tal-pulmun fit-tfal u ż-żieda fil-każijiet ta' l-ażma, it-tisfir, l-infezzjonijiet tal-widnejn, l-imieħer u l-grizmejn minħabba t-tniġġis ta' l-arja.

Emenda 13

Artikolu 23, paragrafu 1, subparagrafu 3

*Dawk il-pjanijiet għandhom jinkorporaw ta' l-anqas l-informazzjoni elenkata fit-**Taqsimha A** ta' l-Anness XV **u jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara l-aħħar ta' dik is-sena fejn tkun ġiet osservata l-ewwel qabża.***

*Dawn il-pjanijiet ta' l-anqas għandhom jinkorporaw it-tagħrif elenkat fl-Anness XV. **Dawn jistgħu jinkludu miżuri skond l-Artikolu 24.***

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 32 mill-ewwel qari. Fl-interess tas-simplifikazzjoni, il-pjanijiet u l-programmi li se jiġibu tnaqqis ġenerali fil-livelli ta' sustanzi li jniġġsu jistgħu, fuq bażi preventiva, jinkludu miżuri skond l-Artikolu 22 biex jitnaqqsu konċentrazzjonijiet massimi fuq medda qasira ta' żmien.

Informazzjoni dwar pjanijiet u programmi għal arja nadifa diġà qed tiġi kkomunikata b'mod elettroniku. L-espressjoni "bla dewmien" tħassret għaliex mhux kull pjan hu kkomunikat lill-Kummissjoni dritt wara li jkun sar l-abbozz tiegħu. Jagħmel iktar sens li għall-bidu jinġabru l-pjanijiet fuq livell nazzjonali u tingħadda l-informazzjoni għal kull sena lill-Kummissjoni b'mod ikkordinat. Dan jaqbel ukoll mal-prattika adottata s'issa. Il-Komunità tista' tfassal aktar dettalji tal-proċedura ta' komunikazzjoni skond l-Artikolu 26(2).

Emenda 14

Artikolu 23, paragrafu 1, subparagrafu 4 a (ġdid)

Il-pjanijiet għandhom jitfasslu bil-kundizzjoni li, fil-każ ta' installazzjonijiet industrijali li għalihom ikun inħareġ permess skond id-Direttiva tal-Kunsill

**96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996
rigward il-prevenzjoni u l-kontroll ta'
tniġġis integrat, ebda miżuri addizzjonali
ma huma meħtieġa li jittieħdu taħt din id-
Direttiva.**

Ġustifikazzjoni

Jerġgħu jiddaħħlu l-ideat ta' l-emenda 33 mill-ewwel qari.

Die Regelung trägt - dies ist bereits in Art. 3 Abs. 3 der Richtlinie 2004/107/EG zum Ausdruck gekommen - dem Umstand Rechnung, dass Anlagen, die eine Genehmigung im Sinne der IVU-Richtlinie (96/61/EG) erhalten haben, eine spezielle Emittentengruppe darstellen. Denn die IVU-Richtlinie stellt außerordentlich hohe materielle Anforderungen an die betroffenen Anlagen, indem sie zum Einsatz der besten verfügbaren Emissionsminderungstechniken (= BVT) verpflichtet. Zum Zwecke der Einhaltung der BVT werden von der betroffenen Industrie erhebliche Mittel eingesetzt. Die IVU-Richtlinie sieht zusätzlich vor, dass die Genehmigungsaufgaben unter bestimmten Umständen angepasst werden müssen, wenn es die Weiterentwicklung der BVT erfordert. Durch den von der IVU-Richtlinie vorgesehenen Informationsaustausch zwischen den Mitgliedstaaten und der Kommission und durch die regelmäßige Veröffentlichung der Ergebnisse des Informationsaustausches (= BREF-Dokumente) ist ein dynamisches Fortschreiben der BVT gewährleistet. Auf diese Weise wird im Hinblick auf die Emissionsminderungsleistung - im Gegensatz zu anderen Emissionsquellen - stets das "Optimum" sichergestellt.

Emenda 15

Artikolu 24, paragrafu 1

1. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, ikun hemm ir-riskju li l-livell ta' sustanzi li jniġġsu jaqbeż wieħed jew aktar mil-limiti ta' allert speċifikati fl-Annessi XII, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu għal perijodu qasir sabiex jitnaqqas ir-riskju jew il-perjodu ta' tali **qabża**. **Fejn dan ir-riskju japplika għal wieħed jew aktar mill-valuri tal-limitu jew il-valuri mmirati stabbiliti fl-Annessi VII, XI u XIV, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijiet ta' azzjoni għal perijodu qasir.**

Madankollu, **meta jkun hemm periklu li l-limitu ta' allert fir-rigward ta' l-ożonu kif speċifikat fit-Taqsima B ta' l-Anness XII jinqabeż**, l-Istati Membri għandhom ifasslu biss tali pjanijiet ta' azzjoni għal perijodu

1. Fejn, f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, ikun hemm ir-riskju li l-livelli ta' sustanzi **fl-arja** li jniġġsu jaqbeż wieħed jew aktar **mill-valuri tal-limitu, il-valuri tal-mira jew** il-limiti ta' twissija speċifikati fl-Annessi VII, XI, XII u XIV, l-Istati Membri għandhom, **fejn jidhrilhom xieraq**, ifasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq medda qasira ta' żmien sabiex jitnaqqas ir-riskju u jiġi **limitat** il-perjodu ta' din l-**okkorrenza**.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom ifasslu biss dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għal medda qasira ta' żmien meta fil-fehma tagħhom ikun hemm potenzjal sinifikanti, meta jitqiesu l-kondizzjonijiet nazzjonali

qasir ta' żmien meta fil-fehma tagħhom ikun hemm potenzjal sinifikanti, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas ir-riskju, il-perjodu jew il-gravità ta' din il-qabża. Meta jfasslu tali pjan ta' azzjoni għal perijodu qasir, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tad-Deċiżjoni 2004/279/KE.

ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi, li jitnaqqas il-periklu, il-perjodu jew il-gravità ta' din il-qabża. Meta jfasslu tali pjan ta' azzjoni għal perijodu qasir, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tad-Deċiżjoni 2004/279/KE.

Emenda16

Artikolu 24, paragrafu 2

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-medda qasira ta' żmien kif jissemmew fil-paragrafu 1 jistgħu, skond il-każ individwali, jistgħu jaħsbu għal miżuri ta' kontroll u, fejn huwa neċessarju, jissospendu attivitajiet, ***inkluż it-traffiku tal-vetturi bil-magni, li jikkontribwixxu għar-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu rispettivi jew il-limiti tal-konċentrazzjoni jew il-valur fil-mira jew il-limitu ta' twissija. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jistgħu jinkludu wkoll miżuri effettivi fir-rigward ta' l-użu ta' impjanti jew prodotti***

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għal medda qasira ta' żmien kif jissemmew fil-paragrafu 1 jistgħu, skond il-każ individwali, jipprovdu għal miżuri ***ta' effettività ppruvata fil-medda qasira ta' żmien*** biex jikkontrollaw u, fejn huwa meħtieġ, jissospendu attivitajiet, li huma ***responsabbli biċ-ċar għaż-żieda*** fir-riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu rispettivi jew il-***valur*** ta' mira jew il-limitu ta' twissija. ***Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom, fejn meħtieġ, jinkludu wkoll azzjonijiet speċifiċi li jħarsu popolazzjonijiet sensitivi, inklużi t-fal. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 23(1) għandu japplika mutatis mutandis.***

Emenda17

Artikolu 24, paragrafu 3

3. Fejn l-Istati Membri jkunu fasslu programm ta' azzjoni għal perijodu qasir, huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet adatti bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi sensitivi tal-popolazzjoni ***u*** entitajiet oħra rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa kemm ir-riżultati ta' l-istħarriġ tagħhom dwar il-fattibilità u l-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal perijodu qasir kif ukoll l-

3. Fejn l-Istati Membri jkunu fasslu programm ta' azzjoni għal perijodu qasir, huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet adatti bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi sensitivi tal-popolazzjoni u entitajiet oħra rilevanti għall-protezzjoni tas-saħħa ***u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti,*** kemm ir-riżultati ta' l-istħarriġ tagħhom dwar il-fattibilità u l-kontenut ta' pjanijiet

informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

ta' azzjoni speċifiċi għal perjodu qasir kif ukoll l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 37 mill-ewwel qari. Il-miżuri pprovduti fil-pjanijiet primarjament għandhom x'jaqsmu mat-trasport u, direttament jew indirettament relatati ma' ħidmiet ekonomiċi. Hu importanti għalhekk li jiġi żgurat li l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jiġu kkonsultati u informati wkoll.

Emenda 18 Artikolu 24, paragrafu 4

4. Għall-ewwel darba sa ... *, u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika eżempji ta' l-aħjar *prattika* għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir.

4. Għall-ewwel darba sa ... *, u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika eżempji ta' l-aħjar *prassi* għat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni fuq medda qasira ta' żmien. ***Il-Kummissjoni għandha speċifikament tippubblika eżempji ta' l-aħjar prassi għall-ħarsien ta' popolazzjonijiet sensitivi, inklużi t-tfal fi ħdan dawn il-pjanijiet ta' azzjoni.***

Ġustifikazzjoni

Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li jenfasizzaw l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. Studji ġodda li saru fl-Olanda, Franza u Kalifornja (Brauer et al 2007, Annesi-Maesano et al 2007, Islam et al 2007). L-eżempji ta' l-aħjar prassi għall-ħarsien tat-tfal għandhom ikunu speċifiċi biex inaqqsu l-espożizzjonijiet f'postijiet fejn t-tfal iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom pereżempju l-iskola, iċ-ċentri tal-kura matul il-jum, in-nurseries u l-isptarijiet tat-tfal.

Emenda 19 Artikolu 26, paragrafu 1, parti introduttorja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet adatti bħal organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensitivi **u** korpi oħra

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kif ukoll organizzazzjonijiet xierqa bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' l-ambjent, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' popolazzjonijiet sensitivi, entitajiet oħra

rilevanti għall- kura tas-saħħa jkunu mgħarrfa, b'mod adegwat u fil-ħin, dwar dan li ġej:

rilevanti għall-kura tas-saħħa **u l-federazzjonijiet industrijali rilevanti** jkunu mgħarrfa b'mod adegwat u fil-ħin dwar dan li ġej:

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 39 mill-ewwel qari. Il-miżuri pprovduti fil-pjanijiet primarjament għandhom x'jaqsmu mat-trasport u, direttament jew indirettament relatati ma' ħidmiet ekonomiċi. Hu għalhekk importanti li jiġi żgurat li l-federazzjonijiet industrijali rilevanti jiġu kkonsultati u informati wkoll.

Emenda 20

Artikolu 26, paragrafu 2, subparagrafu 2

Dawk ir-rapporti għandhom jiġbru fil-qosor il-livelli li jaqbżu l-valuri ta' limitu, il-valuri mmirati, l-għanijiet għal perjodu twil ta' żmien, il-limiti ta' informazzjoni u l-limiti ta' allert, għall-perjodi medji rilevanti. Dik l-informazzjoni għandha tingħaqad ma' valutazzjoni fil-qosor ta' l-effetti ta' dawk il-qabżiet. Ir-rapporti jistgħu jinkludu, fejn ikun il-każ, iktar informazzjoni u valutazzjonijiet għall-protezzjoni tal-foresti kif ukoll informazzjoni dwar sustanzi li jniġġsu oħra li għall-monitoraġġ tagħhom hemm dispożizzjonijiet speċifikati f din id-Direttiva, bħal, fost oħrajn, is-sustanzi prekursori ta' l-ożonu magħżula li mhumiex regolati kif elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness X.

*Dawn ir-rapporti għandhom jiġbru fil-qosor il-livelli li jaqbżu l-valuri ta' limitu, il-valuri mmirati, l-għanijiet fuq medda twila ta' żmien, il-limiti ta' informazzjoni u l-limiti ta' allert, għall-perjodi medji rilevanti. Din l-informazzjoni għandha tingħaqad ma' valutazzjoni fil-qosor ta' l-effetti ta' dawk il-qabżiet. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu, fejn xieraq, iktar tagħrif u evalwazzjonijiet għall-ħarsien tal-foresti **u fuq miżuri meħuda biex titnaqqas l-espożizzjoni tat-tfal għas-sustanzi li jniġġsu l-arja**, kif ukoll tagħrif dwar sustanzi oħra li jniġġsu li m'hemmx dispożizzjonijiet għas-sorveljanza tagħhom kif speċifikat fid-Direttiva, bħalma huma, fost l-oħrajn, is-sustanzi prekursori ta' l-ożonu magħżula li mhumiex irregolati kif elenkati fit-Taqsima B ta' l-Anness X.*

Ġustifikazzjoni

Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li jenfasizzaw l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. L-aktar importanti hija l-evidenza l-ġdida dwar it-tnaqqis ta' tħaddim sew tal-pulmun fit-tfal u ż-żieda fil-każijiet ta' l-ażma, it-tisfir, l-infezzjonijiet tal-widnejn, l-imieher u l-grizmejn minħabba t-tniġġis ta' l-arja.

Emenda 21

Artikolu 32, paragrafu 3

Bħala parti mir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha ttipprepara wkoll rapport dwar l-

Bħala parti mir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha ttipprepara wkoll rapport dwar l-

esperjenza tal-monitoraġġ tal-PM10 u l-PM2,5, b'kont meħud tal-progress tekniku f sistemi ta' kejl awtomatiċi. Fejn ikun il-każ, għandhom jiġu proposti metodi ġodda ta' referenza għall-kejl tal-PM10 u l-PM2,5.

esperjenza tal-monitoraġġ tal-PM10 u l-PM2,5, b'kont meħud tal-progress tekniku f sistemi ta' kejl awtomatiċi. Fejn ikun il-każ, għandhom jiġu proposti metodi ġodda ta' referenza għall-kejl tal-PM10 u l-PM2,5. ***Fir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha taċċerta jekk huwiex biżżejjed li jibqgħu jiġu stabbiliti l-valuri tal-limitu għall-PM10 jew jekk dawn għandhomx jiġu mibdula bil-valuri tal-limitu għall-PM2,5.***

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 64 mill-ewwel qari. Id-Direttiva ddaħħal il-PM2.5 apparti l-PM10. Jekk matul ir-reviżjoni tad-Direttiva jidher ċar li l-valuri tal-limitu għall-PM2.5 huma mixtieqa, il-PM10 standard għandu jitneħħa.

Emenda 22

Artikolu 33, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel ...*.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel ...*.

* *Sentejn wara* d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

* *Sena* wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 44 mill-ewwel qari.

Emenda 23

Anness III, Taqsima A, punt 2

2. Konformità mal-valuri tal-limitu diretti lejn il-*protezzjoni* tas-saħħa tal-bniedem m'għandhiex tiġi valutata fil-postijiet li ġejjin:

2. Konformità mal-valuri tal-limitu diretti lejn il-*ħarsien* tas-saħħa tal-bniedem m'għandhiex tiġi vvalutata fil-postijiet li ġejjin:

(-a) fi kwalunkwe post fejn, skond il-kriterji f'dan l-Anness, m'hemm l-ebda post imnejn jittieħdu kampjuni għas-

sustanzi li jniġġsu li għalihom japplika l-Anness;

(a) kwalunkwe post li jinsab f'żoni fejn il-pubbliku m'għandux aċċess **u fejn m'hemm abitazzjoni fissa;**

(a) kwalunkwe post li jinsab f'żoni fejn il-pubbliku m'għandux aċċess **jew li mhumiex abitati jew fejn m'hemm abitazzjoni fissa;**

(aa) fis-sit tal-fabbriki jew f'postijiet industrijali fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u li għalihom il-pubbliku m'għandux aċċess;

(b) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għall-persuni **mexjin għar-riżerva ċentrali.**

(b) fuq il-karreġġjata tat-toroq; u fuq ir-riżervi ċentrali tat-toroq ħlief fejn normalment ikun hemm aċċess għall-persuni **mexjin lejn ir-riżerva ċentrali;**

(ba) f'żoni fejn il-pubbliku ġenerali mhumiex espost direttament jew indirettament għal perjodu sinifikattiv.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 60 mill-ewwel qari. Il-postijiet il-ġodda huma maħsuba biex jagħmluha ċara li f'ċerti postijiet fi ħdan Stat Membru li mhumiex rilevanti għall-espożizzjoni tal-popolazzjoni mhemm bżonn li jiġu evalwati l-valuri tal-limitu. Dawn jinkludu postijiet fejn il-pubbliku ġenerali m'humiex espost direttament jew indirettament għal perjodu sinifikanti, minħabba li l-Anness III jeħtieġ li l-postijiet imnejn jittieħdu l-kampjuni diretti għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandhom ikunu fejn huwa probabbli li l-popolazzjoni tiġi esposta għal perjodu li huwa sinifikattiv meta mqabbel mal-perjodu medju tal-valuri tal-limitu jew fejn il-popolazzjoni hija ġeneralment esposta.

Emenda 24

Anness V, Taqsima A, punt a, nota ta' qiegħ il-paġna 1

(1) Għall-NO₂, materja partikulata, benzina u monossidu tal-karbonju: iridu jkunu inklużi ta' l-anqas stazzjon wieħed għall-istudju ta' l-isfond urban u *stazzjon wieħed* orjentat lejn it-traffiku, sakemm dan ma jżidx *l-għadd ta' punti ta' kampjunament*. Għal dawn is-sustanzi li jniġġsu, l-għadd totali ta' stazzjonijiet għall-istudju ta' l-isfond urban u l-għadd totali ta' stazzjonijiet orjentati lejn it-traffiku fi Stat Membru **taħt Taqsima A(1)** ma għandux ivarja b'aktar

(1) Għall-NO₂, materja partikulata, benzina u monossidu tal-karbonju: iridu jkunu inklużi ta' l-anqas stazzjon wieħed għall-istudju ta' l-isfond urban u *ieħor* orjentat lejn it-traffiku, sakemm dan ma jżidx *l-għadd ta' postijiet fejn jittieħdu l-kampjuni*. L-għadd totali ta' stazzjonijiet għall-istudju ta' l-isfond urban u l-għadd totali ta' stazzjonijiet orjentati lejn it-traffiku fi Stat Membru ma għandux ivarja b'aktar minn fattur ta' 2.

minn fattur ta' 2. *Il-postijiet ta' kampjunament b'qabżiet tal-valur tal-limitu għall-PM10 f dawn l-aħħar tliet snin għandhom jinżammu.*

Ġustifikazzjoni

Jerġa' jiddaħħal il-lingwaġġ għall-proposta tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom iżommu netwerk komprensiv ta' punti ta' sorveljanza, li għandhom, inter alia, jinkludu biżżejjed stazzjonijiet ta' sorveljanza għat-traffiku.

Emenda 25
Anness XI, Taqsima B, tabella, parti "PM10"

Pożizzjoni komuni tal-Kunsill

Perjodu li fuqu tinħadem il-medja	Valur ta' limitu	Marġini ta' tolleranza	Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur ta' limitu
PM10			
Jum	50 µg/ m3, li ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darbiet kull sena kalendarja	50 %	
Sena kalendarja	40 µg/m3	20 %	

Emenda tal-Parlament

Perjodu li fuqu tinħadem il-medja	Valur ta' limitu	Marġini ta' tolleranza	Id-data sa meta jrid ikun osservat il-valur ta' limitu
PM10			
Jum	50 µg/ m3, li ma għandux jinqabeż aktar minn 35 darbiet kull sena kalendarja	50 %	

Sena kalendarja	40 $\mu\text{g}/\text{m}^3$	20 %	
Sena kalendarja	33 $\mu\text{g}/\text{m}^3$	20%	L-1 ta' Jannar 2010

Emenda 26
Anness XIV, Taqsima B

Pożizzjoni komuni tal-Kunsill

II-MIRA GĦAT-TNAQQIS TA' L-ESPOŻIZZJONI NAZZJONALI

AEI fl-2010	Il-mira għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni għall-2010	Data sa meta għandha tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis ta' l-Espożizzjoni nazzjonali
'il fuq minn 13 $\mu\text{g}/\text{m}^3$	20 fil-mija	2020
7 - 13 $\mu\text{g}/\text{m}^3$	(AEI x 1,5) perċentwali	

Fejn l-AEI fis-sena ta' referenza jkun **7 $\mu\text{g}/\text{m}^3$** jew anqas, il-mira għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni għandha tkun zero. **It-tnaqqis immirat għandu jkun zero anke f'każijiet fejn l-AEI jilħaq il-livell ta' 7 $\mu\text{g}/\text{m}^3$ fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu mill-2010 sa l-2020 u jinżamm f' dak il-livell jew inqas.**

Emenda tal-Parlament

II-MIRA GĦAT-TNAQQIS TA' L-ESPOŻIZZJONI NAZZJONALI

Il-mira għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni rigward l-AEI fl-2010		Is-sena sa meta għandha tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni
Konċentrazzjonijiet tal-bidu f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$	Il-mira għat-tnaqqis f' perċentwali	2020
< 10	0 %	
= 10 – <15	10 %	
= 15 – <20	15 %	
= 20 – < 25	20 %	

>25	<i>Il-miżuri kollha adattati biex tintlaħaq il-mira ta' 20 µg/m³</i>	
-----	--	--

Fejn l-AEI fis-sena ta' referenza jkun **10µg/m³** jew anqas, il-mira għat-tnaqqis ta' l-espożizzjoni għandha tkun żero. It-tnaqqis immirat għandu jkun żero anke f'każijiet fejn l-AEI jilħaq il-livell ta' 7 µg/m³ fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu mill-2010 sa l-2020 u jinżamm f'dak il-livell jew inqas.

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal emenda 49 mill-ewwel qari.

Emenda 27
Anness XIV, Taqsima C u D

Pożizzjoni komuni tal-Kunsill

C. VALUR TAL-MIRA

Perjodu li Fuqu Tinħadem il-Medja	Valur tal-mira	Id-data sa meta għandu jkun osservat il-valur tal-mira
Sena kalendarja	25 µg/m³	L-1 ta' Jannar 2010

D. VALUR TA' LIMITU

–	<i>PERJODU LI FUQU TINĦADEM IL- MEDJA</i>	–	<i>VALU R TA' LIMIT U</i>	–	<i>MARĠINI TA' TOLLERANZA</i>	–	<i>ID-DATA SA META JRID IKUN OSSERVA T IL- VALUR TA' LIMITU</i>
–	<i>SENA KALENDARJA</i>	–	25 µG/M³	–	<i>20 % FI ...*, LI JONQOS FL-I</i>	–	<i>L-1 TA' JANNAR</i>

TA' JANNAR LI *2015*
ĠEJ U KULL
TNAX-IL XAHAR
WARA
B'PERĊENTWA
LI ANNWALI
UGWALI BIEX
JINTLAĦAQ IŻ-
0 % SA L-1 TA'
JANNAR 2015

* id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda tal-Parlament

C. VALUR TAL-MIRA

Perjodu li Fuqu Tinħadem il-Medja	Valur tal-mira	Id-data sa meta għandu jkun osservat il-valur tal-mira
Sena kalendarja	20 µg/m3	L-1 ta' Jannar 2010

D. VALUR TA' LIMITU

–	<i>PERJODU LI</i>	–	<i>VALU</i>	–	<i>MARĠINI TA'</i>	–	<i>ID-DATA</i>
	<i>FUQU</i>		<i>R TA'</i>		<i>TOLLERANZA¹</i>		<i>SA META</i>
	<i>TINĦADEM IL-</i>		<i>LIMIT</i>				<i>JRID</i>
	<i>MEDJA</i>		<i>U</i>				<i>IKUN</i>
							<i>OSSERVA</i>
							<i>T IL-</i>
							<i>VALUR</i>
							<i>TA'</i>
							<i>LIMITU</i>
–	<i>SENA</i>	–	20	–	<i>20 % FI ... *, LI</i>	–	<i>L-1 TA'</i>
	<i>KALENDARJA</i>		µG/M3		<i>JONQOS FL-1</i>		<i>JANNAR</i>
					<i>TA' JANNAR LI</i>		<i>2015</i>
					<i>ĠEJ U KULL</i>		

TNAX-IL XAHAR
WARA
B'PERĊENTWA
LI ANNWALI
UGWALI BIEX
JINTLAĦAQ IŻ-
0 % SA L-1 TA'
JANNAR 2015

¹ *Il-marġini massimu ta' tolleranza japplika wkoll skond l-Artikolu 16(2).*

* id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 28
Anness XV, Taqsima A, punt 6(b) a (ġdid)

(ba) dettalji tal-miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu għat-titjib tal-kwalità ta' l-arja għat-tfal.

Ġustifikazzjoni

Waqt li miżuri għall-ħarsien tas-saħħa pubblika mit-tniġġis fl-arja bħalissa huma koperti fl-Anness XV, Taqsima A, paragrafu 6(b) il-miżuri biex tkun imtejba l-kwalità ta' l-arja għat-tfal jistgħu jkunu aktar speċifiċi jew differenti fi ħdan dan il-qafas. Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li jenfasizzaw l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. Studji ġodda li saru fl-Olanda, Franza u Kalifornja (Brauer et al 2007, Annesi-Maesano et al 2007, Islam et al 2007).

Emenda 29
Anness XV, Taqsima A, punt 8, introduzzjoni

8. Dettalji ta' dawk il-miżuri jew proġetti adottati sabiex jitnaqqas it-tniġġis wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva

8. Dettalji ta' dawk il-miżuri jew proġetti adottati sabiex jitnaqqas it-tniġġis **inklużi miżuri speċifiċi biex it-tfal ikunu esposti inqas għalih**, wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:

Ġustifikazzjoni

Waqt li miżuri għall-ħarsien tas-saħħa pubblika mit-tniġġis fl-arja bħalissa huma koperti, il-miżuri futuri biex tkun imtejba l-kwalità ta' l-arja għat-tfal jistgħu jkunu aktar speċifiċi jew

differenti fi ħdan dan il-qafas. Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li jenfasizzaw l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. Studji ġodda li saru fl-Olanda, Franza u Kalifornja (Brauer et al 2007, Annesi-Maesano et al 2007, Islam et al 2007).

Emenda 30
Anness XV, Taqsima B, punt 3 (g) a (ġdid)

(ga) miżuri biex titħares is-saħħa tat-tfal u ta' gruppi sensittivi oħra.

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri għat-tnaqqis speċifikament biex titħares saħħet it-tfal jistgħu jkunu speċifiċi għall-post jew għat-tip ta' espożizzjoni. Minn meta sar l-ewwel qari saru magħrufa ħafna provi xjentifiċi li jenfasizzaw l-effetti tat-tniġġis ta' l-arja fuq is-saħħa tat-tfal. Studji ġodda li saru fl-Olanda, Franza u Kalifornja (Brauer et al 2007, Annesi-Maesano et al 2007, Islam et al 2007).

Emenda 31
Anness XVI a (ġdid)

ANNEX XVIa

MIŻURI KOMUNITARJI DWAR IS-SORSI TA' EMISSJONI LI JRIDU JITTIEĦDU BIEX JIPPERMETTU LILL-ISTATI MEMBRI LI JILĦQU L-VALURI TAL-LIMITU GĦALL-KWALITÀ TA' L-ARJA FIL-LIMITI TA' ŻMIEN STIPULATI

1. Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-valuri tal-limitu għall-kwalità ta' l-arja stipulati f'din id-Direttiva fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandha sa ...*, tressaq proposti għal dispożizzjonijiet legali ta' l-UE li jorbtu dwar is-sorsi ta' tniġġis u li jkunu kkonċernati ma' valuri tal-limitu ta' l-emmissjonijiet iktar stretti. Ta' l-inqas, dawn il-proposti għandhom jittrattaw is-setturi u l-emittenti li ġejjin, li fihom l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu trid titnaqqas:

- ***standards għall-installazzjonijiet stazzjonarji li minnhom joħorġu sustanzi li jniġġsu, pereżempju l-***

*inklużjoni ta' impjanti ta'
kombustjoni b'kapaċità ta' 20 sa 50
megawatt fid-Direttiva 96/61/KE;*

- *standards għall-vetturi u inġenji bil-
magna tad-daqsijiet u l-klassijiet
kollha li jivvjaġġaw fuq l-art, fl-ajru
u fil-baħar; eż. EURO VI għall-
vetturi kbar, miżuri kordinati fil-
livell tal-Komunità biex iħeġġu jew
jobbligaw lis-sidien tal-vapuri
(inland) biex inaqqsu l-emissjonijiet,
jew ftehimiet dwar l-emissjonijiet
mill-magni tal-vapuri taħt il-
patroċinju ta' l-Organizzazzjoni
Marittima Internazzjonali;*
- *- standards ġodda għall-
installazzjonijiet domestiċi li
jsaħħnu;*
- *magni u magni ta' kostruzzjoni;*
- *biedja (fost affarijiet oħra
fertilizzazzjoni u tnissil ta' bhejjem).*

*2. Kull ħames snin, il-Kummissjoni
għandha tissottometti lill-Kunsill u lill-
Parlament Ewropew rapport dwar il-
progress tal-miżuri msemmija
f'paragrafu 1 u l-implimentazzjoni
tagħhom fl-Istati Membri.*

**Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din
id-Direttiva.*

NOTA SPJEGATTIVA

I. Analiżi tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill

Fit-28 ta' Ġunju taħt il-Prezidenza Ġermaniża l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni (CP) fuq id-Direttiva dwar il-Kwalità ta' l-Arja. Għalkemm hemm xi differenzi bejn l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u t-test tal-Kunsill, kważi nofs l-emendi tal-Parlament Ewropew adottati fis-26 ta' Settembru 2006 fi Strasburgu ġew aċċettati verbatim, parti minnhom jew fl-ispirtu.

Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tħaddan xi emendi prinċipali oriġinarjament proposti mill-Parlament Ewropew:

- **Valur tal-mira għall-PM_{2,5} fl-2010 li se jinbidel b'valur tal-limitu li jorbot fl-2015;**
- **il-possibilità li l-kisba tal-valuri tal-limitu tiġi posposta wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva;**
- **il-prinċipju li l-valuri tal-limitu japplikaw kullimkien, iżda f'ċerti postijiet il-konformità mal-valuri tal-limitu m'għandhomx jiġu evalwati.**

Apparti dan il-qbil, hemm differenzi ewlenin: Il-Kunsill ma jaċċetta ebda bidla għad-dispożizzjonijiet rigward il-valuri tal-limitu annwali u ta' kuljum eżistenti għall-PM₁₀ fl-Anness XI u jirrifjuta l-proposta tal-Parlament Ewropew li jorbot kwalunkwe deroga ma' l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali tal-Komunità dwar is-sorsi ta' tniġġis.

Apparti dan, għalkemm hemm konsensus ċar dwar l-iskeda għall-introduzzjoni tal-PM_{2,5} (il-valur tal-mira fl-2010, il-valur tal-mira fl-2015), il-Kunsill għażel valur anqas strett ta' **25µg/m³ – minflok il-20 µg/m³ propost mill-PE – għaż-żewġ valuri. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jippermetti anqas flessibilità - massimu ta' tliet snin biss wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva - biex tiġi posposta l-kisba tal-valuri tal-limitu skond l-Artikolu 22 (ex. Art.20).**

II. Il-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew għat-tieni qari

Il-Kumitat huwa impenjat bis-sħiħ biex jinneozja ftehim tat-tieni qari taħt il-Prezidenza Portuġiża li jiżgura l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità ta' l-Arja kemm jista' jkun malajr iżda jiżgura l-għan ewlieni tal-pożizzjoni tal-Parlament: Aktar valuri tal-mira u tal-limitu ambizzjużi flimkien ma' aktar flessibilità, miżuri aktar b'saħħithom fis-sors u għanijiet għal medda twila ta' żmien.

PM_{2,5}: L-iċken particeġli ġew identifikati mix-xjentisti bħala dawk li joffru theddida kbira għas-saħħa tal-bniedem. Kontra l-frazzjonijiet anqas fini (PM₁₀) l-emissjoni ta' l-iżgħar particeġli tiġi minn sorsi antropoġeniċi. Il-Kumitat għalhekk jerġa' jressaq l-emendi relatati mal-PM_{2,5} u l-klawżola ta' reviżjoni (Emenda 64) u jitlob li jinżammu l-aktar valuri tal-mira u tal-limitu stretti ta' **l-20µg/m³ fl-2010 u fl-2015 rispettivament** (emendi 49 u 50).

Għalkemm ambizzjuż, dan il-valur għandu jorbot legalment u probabbli jintlaħaq f'bosta partijiet ta' l-Ewropa sa l-2015.

PM10: Ir-Rapporteur jissuġġerixxi biex ma jergġhux jittressqu l-emendi dwar id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-PM10 stipulati fl-Anness XI, kemm il-valur tal-limitu annwali ta' **33 µg/m³** kif ukoll **il-55 jum ta' deroga għall-valur tal-limitu ta' kuljum. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ma jaċċettaw ebda bidliet tal-valuri tal-limitu eżistenti. Għaż-żewġ istituzzjonijiet kull bidla ta' l-istatus quo hija "le" ċara u probabbli twassal direttament għall-Konċiljazzjoni.**

Flessibilità: L-Istati Membri, speċjalment f'reġjuni industrijali u densament popolati fil-Punent u fl-Ewropa Ċentrali, kellhom diffikultajiet kbar sa issa fl-implimentazzjoni tad-direttiva u l-kisba tal-valuri tal-limitu, minkejja l-isforzi li wettqu biex itejbu l-kwalità ta' l-arja.

Għalhekk, aktar flessibilità biex jinkisbu l-valuri tal-limitu hija essenzjali għal dawn l-Istati Membri li ħadu l-miżuri kollha f'kull livell biex inaqqsu t-tniġġis: Il-Kumitat adotta parti mill-emendi relatati mal-perjodi ta' deroga u l-posponiment ta' l-iskadenzi għall-konformità mal-valuri tal-limitu (emendi 7 u 81 ta' l-ewwel qari), iżda jipproponi li jitnaqqas il-perjodu ta' deroga minn "erbġħa snin u sentejn" għal "tliet snin u sentejn" sabiex jinkiseb kompromess mal-Kunsill.

Il-Kumitat jenfasizza wkoll l-importanza ta' **miżuri fuq medda twila ta' żmien** u politiki ta' kwalità ta' l-arja **bbażati fuq l-espożizzjoni**. Il-miżuri fuq medda qasira ta' żmien bosta drabi ma kinux effettivi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu fuq bażi volontarja u għandhom jittieħdu fejn jista' jkollhom effett pożittiv fuq it-tnaqqis tat-tniġġis (emendi 35 u 36). It-test tal-PE dwar l-Anness III li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-konformità mal-valuri tal-limitu (emendi 24 u 60) reġa' tressaq.

Miżuri fis-sors: It-tniġġis għandu jitnaqqas permezz tal-konformità mal-leġislazzjoni attwali u l-miżuri ġodda tal-Komunità fis-sors. Il-miżuri tal-Komunità biex tittieħed azzjoni kontra l-emissjonijiet tressqu lura fiż-żmien, bħall-Euro VI għall-vetturi kbar jew ir-reviżjoni tad-Direttiva-NEC. L-Anness XVIa l-ġdid għandu għalhekk jerġa' jiddaħħal (emenda 84).

Minkejja dan ir-Rapporteur mhux se jerġa' jressaq il-partijiet tat-test li jorbtu l-perjodi ta' deroga mal-miżuri tal-Komunità, li ma ġewx aċċettati mill-Kunsill. Diffiċli ħafna li turi r-rabta bejn in-nuqqas ta' dħul fis-seħħ tal-miżuri tal-Komunità man-nuqqas ta' kisba tal-valuri tal-limitu.

Oħrajn: Bosta emendi dwar dispożizzjonijiet tekniċi, imħaddna mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, reġġu tressqu bħal pereżempju t-tekniki ta' mmudellar mandatorji (emendi 16 u 17); dwar l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji għall-għażla tal-postijiet minn fejn jittieħdu l-kampjuni (emenda 22); it-tixrid ta' l-informazzjoni lill-partijiet kollha kkonċernati (emendi 37 u 39) u d-data għall-Istati Membri biex jikkonformaw mad-direttiva (emenda 44) fost dispożizzjonijiet oħra.

PROCĊURA

Titolu	Kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa
Referenzi	16477/1/2006 - C6-0260/2007 - 2005/0183(COD)
Data ta' l-1 qari tal-PE - Numru P	26.9.2006 T6-0362/2006
Proposta tal-Kummissjoni	COM(2005)0447 - C6-0356/2005
Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja tal-komunikazzjoni tal-pożizzjoni komuni	6.9.2007
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 6.9.2007
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Holger Kraemer 14.12.2005
Data ta' l-adozzjoni	9.10.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 35 -: 4 0: 9
Membri preżenti għall-vot finali	Adamos Adamou, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Hiltrud Breyer, Martin Callanan, Dorette Corbey, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jens Holm, Marie Anne Isler Béguin, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Marie-Noëlle Lienemann, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Guido Sacconi, Daciana Octavia Sârbu, Karin Scheele, Carl Schlyter, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Jerzy Buzek, Miroslav Mikolášik, Hartmut Nassauer, Lambert van Nistelrooij
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali	Manuel Medina Ortega, Alexander Lambsdorff, Vincenzo Aita
Data tat-tressiq	17.10.2007